DIGRIET TAL-PRESIDENT TAL-QORTI ĠENERALI

tal-1 ta' Settembru 2015*

"Proċeduri għal miżuri provviżorji — Aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti trażmessi mill-awtoritajiet Franċiżi lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura prevista mid-Direttiva 98/34/KE — Oppożizzjoni minn Franza għall-iżvelar tad-dokumenti — Deċiżjoni li jingħata l-aċċess għal dokumenti lil terzi — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Urġenza — Fumus boni juris — Ibbilanċjar tal-interessi"

Fil-Kawża T-344/15 R,

Ir-Repubblika Franċiża, irrappreżentata minn F. Alabrune, G. de Bergues, D. Colas u F. Fize, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn J. Baquero Cruz u F. Clotuche-Duvieusart, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni GESTDEM 2014/6064, tal-21 ta' April 2015, dwar talba konfermattiva ta' aċċess għal dokumenti bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), li permezz tagħha l-Kummissjoni tat l-aċċess għal żewġ dokumenti li ħarġu mill-awtoritajiet Franċiżi li kienu ġew trażmessi lilha fil-kuntest tal-proċedura prevista mid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337),

IL-PRESIDENT TAL-QORTI ĠENERALI

jagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Digriet

Il-fatti li wasslu għall-kawża, proċedura u t-talbiet tal-partijiet

1 Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337), kif emendata torganizza proċedura ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-inizjattivi nazzjonali ta' standards jew ta' regolamenti tekniċi, minn naħa, u s-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, min-naħa l-oħra.

2 In-notifika lill-Kummissjoni ta' kull abbozz ta' regolament tekniku intiż li jirregola din il-merkanzija jew dawn is-servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/34, bħala prinċipju, hija obbligatorja (Artikolu 8(1) tad-Direttiva 98/34). Fil-prattika, il-Kummissjoni hija responsabbli li tittrażmetti l-imsemmi abbozz lil kull wieħed mill-Istati Membri u li ddaħħlu f'database pubbliku. Kull abbozz innotifikat jista' jiġi eżaminat mill-Istati Membri, mill-Kummissjoni u mill-operaturi ekonomiċi sabiex jiġu skoperti l-elementi potenzjalment protezzjonisti u tittieħed azzjoni sabiex jiġu eliminati. Sabiex ikun jista' jsir dan l-eżami, għandu jiddekorri, bħala prinċipju, terminu minimu ta' tliet xhur bejn il-komunikazzjoni tal-abbozz ta' regolament tekniku u l-adozzjoni tiegħu. Matul dan il-perijodu ta' *status quo*, il-Kummissjoni u l-Istati Membri li jqisu li l-abbozz joħloq ostakoli mhux iġġustifikati għall-moviment liberu tal-merkanzija, għall-moviment liberu tas-servizzi jew għal-libertà ta' stabbiliment tal-operaturi ta' servizzi jistgħu jissottomettu kummenti jew opinjonijiet dettaljati lill-Istat Membru li jinnotifika. L-għoti ta' opinjoni dettaljata testendi l-imsemmi perijodu ta' *status quo* b'ċertu numru ta' xhur skont is-suġġett tal-abbozz ta' regolamenti tekniċi (ara l-Artikolu 9(1) u (2) tad-Direttiva 98/34). L-Istat Membru kkonċernat, bħala prinċipju, għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-azzjoni li jipproponi li jieħu fuq l-opinjonijiet dettaljati tagħha u l-Kummissjoni għandha tikkummenta fuq din ir-reazzjoni (ara l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 98/34).

3 Fil-kuntest tal-proċedura ta' informazzjoni prevista mid-Direttiva 98/34, ir-Repubblika Franċiża nnotifikat lill-Kummissjoni, fil-21 ta' Jannar 2014, bi proposta ta' liġi intiża li tirregola l-kundizzjonijiet ta' bejgħ minn distanza tal-kotba u li tawtorizza lill-Gvern Franċiż li jemenda b'digriet id-dispożizzjonijiet tal-kodiċi tal-proprjetà intelletwali relatati mal-kuntratt ta' pubblikazzjoni. Din il-proposta ta' liġi kellha bħala suġġett li tirregola l-ħlasijiet applikabbli mill-bejjiegħa bl-imnut tal-kotba bil-għan li titwaqqaf prattika li kienet tikkonsisti li jingħaqdu t-tnaqqis massimu ta' 5 % fuq il-kotba previst mil-leġiżlazzjoni Franċiża mal-kunsinna bla ħlas.

4 Il-Kummissjoni trażmettiet lir-Repubblika Franċiża, fis-27 ta' Frar 2014, applikazzjoni għall-informazzjoni addizzjonali, li għaliha l-Gvern Franċiż irrisponda b'ittra fil-11 ta' Marzu 2014.

5 Konformement mal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 98/34, il-Gvern Awstrijak ta opinjoni dettaljata fuq l-abbozz ta' standard tekniku fid-9 ta' April 2014. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha tat ukoll opinjoni dettaljata dwar dan l-istess abbozz fil-15 ta' April 2014. Il-Gvern Franċiż irrisponda għal dawn iż-żewġ opinjonijiet dettaljati permezz ta' ittra tas-17 ta' Ġunju 2014.

6 Fl-assenza ta' komunikazzjonijiet ġodda min-naħa tal-Kummissjoni jew tal-Gvern Awstrijak, il-miżura prevista mir-Repubblika Franċiża ġiet adottata taħt il-forma tal-Liġi 2014-779, tat-8 ta' Lulju 2014, li tirregola l-kundizzjonijiet ta' bejgħ minn distanza tal-kotba u li tawtorizza lill-Gvern li jemenda b'digriet id-dispożizzjonijiet tal-kodiċi tal-proprjetà intelletwali relatati mal-kuntratt ta' pubblikazzjoni (JORF tad-9 ta' Lulju 2014, paġna 11363).

7 Fil-15 ta' Diċembru 2014, ġiet indirizzata applikazzjoni għall-aċċess għar-risposti msemmija iktar 'il fuq tal-Gvern Franċiż tal-11 ta' Marzu u tas-17 ta' Ġunju 2014 (iktar 'il quddiem id-"dokumenti kkontestati") lill-Kummissjoni. Ikkonsultat minnha fuq possibbli żvelar tal-imsemmija dokumenti, il-Gvern Franċiż indika li kien qed jopponi. Konsegwentement, il-Kummissjoni rrifjutat li tagħti aċċess għad-dokumenti kkontestati.

8 Wara applikazzjoni konfermattiva ta' aċċess skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), il-Kummissjoni kkonsultat, mill-ġdid, mal-Gvern Franċiż fit-3 ta' Marzu 2015. Permezz ta' ittra tat-13 ta' Marzu 2015, il-Gvern Franċiż informa lill-Kummissjoni bl-oppożizzjoni tiegħu għall-aċċess għad-dokumenti kkontestati, billi invoka l-eċċezzjonijiet previsti fit-tieni u t-tielet inċiżi tal-Artikolu 4(2) u fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001. Dawn id-dispożizzjonijiet jipprovdu:

"2. L-istituzzjonijiet għandhom jirrifjutaw aċċess għal dokument meta l-iżvelar tiegħu jista' jdgħajjef il-ħarsien ta':

— […]

— proċedimenti fil-qrati u pariri legali,

— l-iskop ta' ispezzjonijiet, investigazzjoni u verifiki,

jekk ma' jkunx hemm interess pubbliku akbar fl-iżvelar tiegħu.

[…]

5. Stat Membru jista' jitlob lill-istituzzjoni sabiex ma tiżvelax dokument li ġej minn dak l-Istat Membru jekk ma' jkunx ġie miftiehem hekk minn qabel."

9 Fil-21 ta' April 2015, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiżvela lill-terzi li talbu l-kontenut tad-dokumenti kkontestati, u dan minkejja l-oppożizzjoni manifestata mill-Gvern Franċiż (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

10 Peress li l-Gvern Franċiż immanifesta l-intenzjoni tiegħu li jippreżenta rikors għal annullament tad-deċiżjoni kkontestata u li jressaq flimkien ma' dan ir-rikors talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, il-Kummissjoni indikat, fit-8 ta' Mejju 2015 li hija ma kinitx ser tiżvela id-dokumenti kkontestati sakemm il-Qorti Ġenerali ma tkunx tat deċiżjoni fuq it-talba għal miżuri provviżorji.

11 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-1 ta' Lulju 2015, ir-Repubblika Franċiża ppreżentat rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Prinċipalment, hija targumenta li d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata għall-ksur tal-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001. Sussidjarjament, hija tikkunsidra li d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata għall-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) ta' dan l-istess regolament. Iktar sussidjarjament, hija tqis li d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata għall-ksur tat-tieni u tat-tielet inċiżi tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

12 Permezz ta' att separat, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-istess ġurnata, ir-Repubblika Franċiża ppreżentat din it-talba għal miżuri provviżorji, li fiha hija talbet lill-President tal-Qorti Ġenerali sabiex jissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

13 Fl-osservazzjonijiet tagħha dwar it-talba għal miżuri provviżorji, ippreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-16 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni titlob li l-President tal-Qorti Ġenerali jogħġbu:

— jieħu nota minħabba li hija tistrieħ fuq l-għerf tiegħu inkwantu għad-domanda li jiġi ddeterminat jekk, fil-konfigurazzjoni partikolari ta' dan il-każ, il-kundizzjonijiet għall-għoti tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni mitluba huma sodisfatti;

— jirriżerva d-deċiżjoni fuq l-ispejjeż ta' din il-proċedura għal miżuri provviżorji għad-deċiżjoni inkwantu għall-ispejjeż tal-kawża prinċipali.

Id-dritt

Ġenerali

14 Meta jinqraw flimkien l-Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE, minn naħa, u l-Artikolu 256(1) TFUE, min-naħa l-oħra, jirriżulta li l-Imħallef għal miżuri provviżorji jista', jekk jikkunsidra li ċ-ċirkustanzi hekk jeħtieġu, jordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-att ikkontestat quddiem il-Qorti Ġenerali jew jippreskrivi l-miżuri provviżorji meħtieġa, u dan skont l-Artikolu 156 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

15 L-Artikolu 156(3) tar-Regoli tal-Proċedura jipprovdi li t-talbiet għal miżuri provviżjori għandhom jispeċifikaw is-suġġett ikkontestat, iċ-ċirkustanzi li jikkawżaw l-urġenza kif ukoll il-motivi fil-fatt u fil-liġi li jiġġustifikaw *prima facie* l-implementazzjoni ta' miżuri provviżorji li jintalbu. Għalhekk, is-sospensjoni għall-eżekuzzjoni u l-miżuri provviżorji l-oħra jistgħu jiġu deċiżi mill-imħallef għal miżuri provviżorji jekk jiġi stabbilit li l-implementazzjoni tagħhom hija *prima facie* ġġustifikata fil-fatt u fil-liġi (*fumus boni juris*) u li huma urġenti fis-sens li huwa neċessarju, sabiex jiġi evitat preġudizzju gravi u irreparabbli għall-interessi tal-parti li tkun issollevatha, li jiġu deċiżi u jkunu jipproduċu l-effetti tagħhom sa minn qabel id-deċiżjoni fuq ir-rikors promotur. Dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi, b'mod li t-talbiet għal miżuri provviżorji għandhom jiġu miċħuda meta waħda minnhom tkun nieqsa [digriet tal-14 ta' Ottubru 1996, SCK u FNK vs Il-Kummissjoni, C-268/96 P(R), Ġabra EU:C:1996:381, punt 30].

16 Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni sħiħa, l-imħallef għal miżuri provviżorji għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa u jibqa' ħieles li jiddetermina, fir-rigward taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ, il-mod kif għandhom jiġu vverifikati dawn il-kundizzjonijiet differenti kif ukoll l-ordni ta' din l-evalwazzjoni, peress li ebda dispożizzjoni legali ma timponilu skema ta' analiżi prestabbilita sabiex jevalwa l-ħtieġa li jagħti deċiżjoni provviżorja [digrieti tad-19 ta' Lulju 1995, Il-Kummissjoni vs Atlantic Container Line *et*, C-149/95 P(R), Ġabra EU:C:1995:257, punt 23, u tat-3 ta' April 2007, Vischim vs Il-Kummissjoni, C-459/06 P(R), EU:C:2007:209, punt 25]. Jekk ikun il-każ, l-Imħallef għal miżuri provviżorji għandu jibbilanċja wkoll l-interessi involuti (digriet tat-23 ta' Frar 2001, L-Awstrija vs Il-Kunsill, C-445/00 R, Ġabra EU:C:2001:123, punt 73).

17 Fid-dawl tal-provi tal-proċess, l-imħallef għal miżuri provviżorji jqis li għandu l-provi kollha neċessarji sabiex jiddeċiedi dwar din it-talba għal miżuri provviżorji, mingħajr ma hemm bżonn li jinstemgħu, minn qabel, l-ispjegazzjonijiet orali tal-partijiet.

18 Għal dak li jirrigwarda f'dan il-każ il-kontenzjuż dwar il-protezzjoni provviżorja ta' informazzjoni allegatament kunfidenzjali, għandu jiġi enfasizzat diġà li l-Kummissjoni ma tikkontestax, fl-osservazzjonijiet tagħha, li biex tinżamm l-effettività għas-sentenza li trid tingħata fil-kawża prinċipali, l-iżvelar tad-dokumenti kkontestati għandu jkun provviżorjament preklużż.

19 F'din il-perspettiva, il-Kummissjoni tiddikjara li, bil-għan li jiġi protett l-interess pubbliku għall-aċċess tad-dokumenti kkontestati, hija ser titlob lill-Qorti Ġenerali li l-kawża prinċipali tkun ittrattata skont il-proċedura mħaffa skont l-Artikoli 151 sa 155 tar-Regoli tal-Proċedura.

Dwar il-fumus boni juris

20 Għandu jitfakkar li fil-ġurisprudenza ntużaw diversi formolazzjonijiet sabiex jiġi ddefinit, skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, il-kundizzjoni ta' *fumus boni juris* (ara, f'dan is-sens, id-digriet Il-Kummissjoni vs Atlantic Container Line *et*, punt 16 iktar 'il fuq, EU:C:1995:257, punt 26).

21 B'hekk, din il-kundizzjoni hija sodisfatta meta mill-inqas wieħed mill-motivi invokati mill-parti li titlob il-miżuri provviżorji insostenn tar-rikors dwar il-mertu jidher *prima facie*, ma jkunx nieqes minn bażi serja sa fejn jirrivela l-eżistenza, fl-istadju tal-proċedura għal miżuri provviżorji, ta' kwistjoni legali importanti li s-soluzzjoni tagħha ma tkunx evidenti. Fil-fatt, peress li l-iskop tal-proċedura għal miżuri provviżorji huwa li tiġi ggarantita l-effikaċja sħiħa tad-deċiżjoni li tkun għad trid tingħata fl-eżitu tat-tilwima dwar il-mertu, sabiex tiġi evitata lakuna fil-protezzjoni ġudizzjarja żgurata mill-Qorti Ġenerali, l-Imħallef għal miżuri provviżorji għandu jevalwa biss "*prima facie*" il-fondatezza tal-motivi invokati fil-kuntest tat-tilwima dwar il-mertu sabiex jistabbilixxi jekk hemmx probabbiltà suffiċjentement kbira li r-rikors ikollu eżitu pożittiv [ara, f'dan is-sens, id-digrieti tal-10 ta' Settembru 2013, Il-Kummissjoni vs Pilkington Group, C-278/13 P(R), Ġabra, EU:C:2013:558, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-8 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs ANKO, C-78/14 P-R, Ġabra, EU:C:2014:239, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata].

22 F'dan il-każ, ir-Repubblika Franċiża tqis, permezz tal-ewwel motiv tagħha, li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001. Fil-fatt, il-Gvern Franċiż kien debitament immotiva l-oppożizzjoni tiegħu għall-aċċess għad-dokumenti kkontestati billi għamel riferiment għal żewġ eċċezzjonijiet previsti mir-Regolament Nru 1049/2001, jiġifieri l-protezzjoni mogħtija lill-proċedimenti fil-qrati permezz tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tiegħu, u l-protezzjoni mogħtija lill-iskop ta' investigazzjoni permezz tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tiegħu, u billi indika r-raġunijiet preċiżi li għalihom l-iżvelar tad-dokumenti kkontestati kien jippreġudika l-eċċezzjonijiet invokati.

23 Madankollu, il-Kummissjoni pproċediet għal evalwazzjoni eżawrjenti tal-motivi li għalihom il-Gvern Franċiż kien oppona l-iżvelar tad-dokumenti kkontestati. B'dan il-mod, hija kisret l-limiti tal-istħarriġ li kellha topera fir-rigward tal-Istat Membru konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Peress li l-Gvern Franċiż kien debitament immotiva l-oppożizzjoni tiegħu għall-iżvelar b'riferiment għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkunsidra dawn l-argumenti bħala żbaljati, mingħajr ma tipproċedi għal analiżi li tmur lil hinn minn sempliċi eżami *prim*a *facie* tagħhom.

24 Il-Kummissjoni tirrispondi li kienet obbligata, bis-saħħa tal-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001, li teżamina jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ u tar-regoli ta' dritt applikabbli, il-motivi mressqa mir-Repubblika Franċiża insostenn tal-oppożizzjoni tagħha għall-iżvelar tad-dokumenti kkontestati, kienu ta' natura li jiġġustifikaw *prima facie* tali rifjut. Hija tippreċiża li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi proċess deċiżjonali li għandu bħala suġġett li jiġi ddeterminat jekk l-aċċess għal dokument għandu jiġi rrifjutat bis-saħħa ta' waħda mill-eċċezzjonijiet materjali msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu. Il-Kummissjoni tipprekludi t-teżi li tipprovdi li huwa suffiċjenti li jsir riferiment, anki mingħajr bażi bħal f'dan il-każ, għall-waħda jew l-oħra mill-eċċezzjonijiet previsti mill-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001 biex iġġiegħel lill-istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea li tiċħad applikazzjoni għal aċċess għal dokument ta' Stat Membru. Fil-fatt, din it-teżi terġa' tagħtih id-dritt li jopponi b'mod pjuttost diskrezzjonali l-iżvelar tad-dokumenti tiegħu.

25 Il-Kummissjoni żżid tgħid li, ’il bogħod milli pproċediet għal analiżi eżawrjenti tar-risposti tal-Gvern Franċiż, hija sempliċement ikkonstatat li l-ġustifikazzjonijiet imressqa f’dak li jirrigwarda eċċezzjonijiet fis-sens tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001 kienu manifestament inapplikabbli. Fil-fatt, hija kkostatat, minn naħa, l-assenza ta’ “proċedimenti fil-qrati” pendenti jew raġonevolment prevedibbli u, min-naħa l-oħra, l-assenza ta’ “proċedura ta’ investigazzjoni” li għadha miftuħa, billi l-proċedura prevista mid-Direttiva 98/34 kienet ġiet magħluqa. Finalment, hija kkonstatat l-assenza ta’ rabta bejn din il-proċedura tal-aħħar u proċedura oħra ta’ investigazzjoni, bħal proċedura għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu miftuħa jew raġonevolment prevedibbli, peress li l-proċedura prevista mid-Direttiva 98/34 kienet ġiet magħluqa mingħajr eżitu. Hija llimitat ruħha għalhekk li tivverifika *prima facie* l-eżistenza tal-ġustifikazzjoni mressqa mill-Gvern Franċiż u li tevalwa jekk ma kinitx tinkludi żbalji manifesti ta’ evalwazzjoni, mingħajr analiżi fid-dettall tal-fondateza ta’ din il-motivazzjoni.

26 F’dan ir-rigward, minn naħa, għandu jitfakkar li l-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001 jagħti lill-Istati Membri status privileġġjat meta mqabbel ma’ detenturi oħrajn ta’ dokumenti, billi jipprovdi li kull Stat Membru għandu, għad-differenza ta’ dawn tal-aħħar, il-fakultà li jitlob lill-istituzzjoni li ma tiżvelax dokument li joriġina minn dan l-Istat Membru mingħajr “il-ftehim minn qabel” tiegħu. Madankollu, ir-rekwiżit ta’ ftehim minn qabel joħloq riskju li jibqa’ dan mingħajr effett jekk, minkejja l-oġġezzjoni mmanifestata minn Stat Membru għall-iżvelar ta’ tali dokument u filwaqt li l-istituzzjoni ma jkollha ebda “kunsens” tal-imsemmi Stat Membru, din tal-aħħar tibqa’ madankollu libera li tiżvela d-dokument ikkonċernat. Fil-fatt, tali rekwiżit huwa mingħajr kull effett utli, kif ukoll minn kull sinjifikat, jekk il-ħtieġa li jinkiseb tali ftehim minn qabel għall-iżvelar tal-imsemmi dokument kienet tiddependi fl-aħħar analiżi mir-rieda diskrezzjonali tal-istituzzjoni li żżomm dan id-dokument. (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta’ Diċembru 2007, L-Isvezja vs Il-Kummissjoni, C-64/05 P, Ġabra, EU:C:2007:802, punti 43 u 44).

27 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001 ma jistax għalhekk jiġi interpretat iktar fis-sens li jagħti lil Stat Membru kkonċernat dritt ta’ veto ġenerali u inkondizzjonat sabiex jirrifjuta b’mod diskrezzjonali l-iżvelar ta’ dokumenti li ġejjin minnu u li huma miżmuma minn istituzzjoni, b’mod li l-aċċess għal dawn id-dokumenti ma jibqax jiġi rregolat mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament. B’hekk, l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001 jawtorizza l-Istat Membru kkonċernat sabiex jirrifjuta l-iżvelar ta’ tali dokumenti biss fuq il-bażi tal-eċċezzjonijiet materjali previsti mill-paragrafi 1 sa 3 tiegħu (ara, f’dan is-sens, is-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni, punt 26 iktar ’il fuq, EU:C:2007:802, punti 75 u 99).

28 Minn dan isegwi, li l-istituzzjoni li lilha saret applikazzjoni ta’ aċċess għal dokument li joriġina minn Stat Membru u dan l-Istat għandhom jibdew mingħajr dewmien djalogu leali dwar l-applikazzjoni eventwali tal-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1049/2001 u li l-Istat Membru li, jixtieq jirrifjuta li jiżvela d-dokument inkwistjoni huwa obbligat li jimmotiva dan ir-rifjut fid-dawl tal-imsemmija eċċezzjonijiet. L-istituzzjoni ma tistax fil-fatt taġixxi skont ir-rifjut muri minn Stat Membru għal tali żvelar jekk din il-motivazzjoni mhijiex spjegata b’referenza għall-eċċezzjonijiet elenkati fl-imsemmi Artikolu 4(1) sa (3) (ara, f’dan is-sens, is-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni, punt 26 iktar ’il fuq, EU:C:2007:802, punti 86 sa 88).

29 Fir-rigward tal-portata u tal-intensità tal-istħarriġ eżerċitat mill-istituzzjoni fuq il-motivi tan-nuqqas ta’ żvelar mressqin minn Stat Membru, skont ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja, qabel ma tirrifjuta l-aċċess għal dokument li joriġina minn Stat Membru, hija l-istituzzjoni kkonċernata li għandha teżamina jekk dan tal-aħħar ibbażax l-oppożizzjoni tiegħu fuq l-eċċezzjonijiet materjali previsti fl-Artikolu 4(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1049/2001 u jekk immotivax debitament il-pożizzjoni tiegħu f’dan ir-rigward. Għaldaqstant, fil-kuntest tal-proċess ta’ adozzjoni ta’ deċiżjoni ta’ rifjut ta’ aċċess, l-istituzzjoni għandha tiżgura ruħha mill-eżistenza ta’ tali motivazzjoni u tirreferi għaliha fid-deċiżjoni adottata minnha fi tmiem il-proċedura (ara, f’dan is-sens, is-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni, punt 26 iktar ’il fuq, EU:C:2007:802, punt 99).

30 Min-naħa l-oħra, kif il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Ġunju 2012, IFAW Internationaler Tierschutz-Fonds vs Il-Kummissjoni (C-135/11 P, Ġabra, EU:C:2012:376, punti 63 u 64), ma hijiex l-istituzzjoni adita li twettaq evalwazzjoni eżawrjenti tad-deċiżjoni ta' oppożizzjoni tal-Istat Membru kkonċernat, billi twettaq stħarriġ li jmur lil hinn mill-verifika tas-sempliċi eżistenza ta' motivazzjoni li tirreferi għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1049/2001. Fil-fatt, jekk tiġi mitluba tali evalwazzjoni eżawrjenti din tista' twassal sabiex, ladarba din issir, l-istituzzjoni adita tista', b'mod żbaljat, tipproċedi sabiex tikkomunika d-dokument inkwistjoni lil min ikun ippreżenta l-applikazzjoni minkejja l-oppożizzjoni, debitament immotivata tal-Istat Membru li minnu joriġina dan id-dokument.

31 Għandu jiġi nnutat li, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Frar 2012, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (T-59/09, Ġabra, EU:T:2012:75, punti 51 sa 53 u 57), invokata mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-evalwazzjoni li għandha topera l-istituzzjoni kienet tikkonsisti li jiġi ddeterminat jekk il-motivi mressqa mill-Istat Membru insostenn tal-oppożizzjoni tiegħu għall-iżvelar tad-dokument mitlub kinux tali li jiġġustifikaw *prima facie* tali rifjut, għall-fini li jiġi żgurat li dawn il-motivi ma kinux mingħajr bażi, billi jiġi ppreċiżat li din l-evalwazzjoni ma kinitx limitata biex jiġi vverifikat jekk il-motivazzjoni ppreżentata mill-Istat Membru kienet żbaljata "mingħajr ebda dubju possibbli" [traduzzjoni mhux uffiċjali] jew jekk l-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1049/2001 hija tant ovvja li ma tħalli "ebda dubju raġonevoli" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

32 F'dan il-każ, il-Kummissjoni tirrikonoxxi espressament li hija, minn naħa, ivverifikat *prima facie* l-eżistenza tal-motivi ta' oppożizzjoni mressqa mir-Repubblika Franċiża u, min-naħa l-oħra, evalwat jekk dawn il-motivi ma kinux iġiegħlu jidhru żbalji manifesti ta' evalwazzjoni. Fil-fatt, il-punt 2.2 tad-deċiżjoni kkontestata, intitolata "Evalwazzjoni *prima facie* tal-Kummissjoni", tindika fis-subparagrafi erbgħa sa sebgħa tagħha:

"[I]l Kummissjoni tqis li r-rifjut tal-awtoritajiet Franċiżi artikolat fuq il-bażi tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) ma kienx jidher, *prima facie* bħala bbażat f'dan il-każ, fid-dawl tal-motivazzjoni invokata. Fil-fatt, jidher li d-dokumenti li qed jintalab l-aċċess għalihom ma humiex strettament marbutin ma' proċedimenti kontenzjużi li jeżistu jew raġonevolment prevedibbli f'dan l-istadju. Għaldaqstant huwa manifest li dawn id-dokumenti inkwistjoni ma jaqgħux taħt l-eċċezzjoni invokata mill-awtoritajiet Franċiżi u li l-iżvelar tagħhom ma jistax jiġi mfixkel mill-imsemmija eċċezzjoni. Fir-rigward tal-motiv ta' rifjut tal-iżvelar oppost mill-awtoritajiet Franċiżi fuq il-bażi tal-eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-iskopijiet tal-investigazzjoni, prevista fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2), il-Kummissjoni tirrileva li l-proċedura ta' notifika ngħalqet mingħajr eżitu. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma fetħitx investigazzjoni fid-dawl ta' proċedura ta' ksur, wara l-adozzjoni u għall-pubblikazzjoni, fil-Journal officiel de la République française (Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża) tad-9 ta' Lulju 2014, tal-liġi Franċiża li tirriżulta mill-abbozz innotifikat. Madankollu bis-saħħa tal-ġurisprudenza, huwa stabbilit li l-Kummissjoni ma tistax tissodisfa ruħha li tinvoka l-ftuħ eventwali ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu biex tiġġustifika, skont il-protezzjoni tal-interess pubbliku, rifjut għal aċċess tad-dokumenti kollha msemmija mill-applikazzjoni ta' ċittadin […] Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatt li ma teżisti ebda investigazzjoni pendenti, l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni msemmija iktar 'il fuq, f'dan l-istadju, tidher purament ipotetika u l-invokazzjoni tagħha tidher, konsegwentement, *prima facie*, bħala infondata fiċ-ċirkustanza." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

33 B'hekk, il-Kummissjoni, evidentement, ibbaża d-deċiżjoni kkontestata fuq is-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2012:75).

34 Madankollu, jidher inċert li r-raġonament estensiv, żviluppat fl-imsemmija sentenza tal-Qorti Ġenerali, sa fejn ippermetta lill-Kummissjoni li teżamina, huwiex dan biss *prima facie*, il-fondatezza tal-motivazzjoni mressqa mir-Repubblika Franċiża insostenn tal-oppożizzjoni tagħha għall-iżvelar tad-dokumenti kkontestati, jista' jiġi meqjus bħala koerenti mas-sentenza IFAW Internationaler Tierschutz-Fonds vs Il-Kummissjoni, punt 30 iktar 'il fuq (EU:C:2012:376), skont l-istess "ma hijiex

l-istituzzjoni adita" li twettaq stħarriġ tad-deċiżjoni ta' oppożizzjoni tal-Istat Membru kkonċernat "li jmur lil hinn mill-verifika tas-sempliċi eżistenza ta' motivazzjoni li tagħmel riferiment għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1049/2001".

35 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li s-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, punt 31 iktar 'il fuq (EU:T:2012:75), jekk kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, ġiet qabel is-sentenza IFAW Internationaler Tierschutz-Fonds vs Il-Kummissjoni, punt 30 iktar 'il fuq (EU:C:2012:376). Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx evidentement tieħu inkunsiderazzjoni fil-formulazzjoni ta' approċċ wiesa' tagħha, l-approċċ apparentement aktar restrittiv żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kellhiex l-okkażjoni tagħti deċiżjoni, sadattant, fuq dan l-iżvilupp ta' ġurisprudenza. B'mod partikolari, hija għadha ma eżaminatx il-kwistjoni jekk l-approċċ tal-Qorti Ġenerali seta' eventwalment isir kumpatibbli ma' dak tal-Qorti tal-Ġustizzja permezz tal-interpretazzjoni tal-kundizzjoni, stabbilita minn din tal-aħħar, li tipprovdi li l-oppożizzjoni espressa mill-Istat Membru għandha tiġi "debitament motivata" (is-sentenzi L-Isvezja vs Il-Kummissjoni, punt 26 iktar 'il fuq, EU:C:2007:802, punt 99, u IFAW Internationaler Tierschutz-Fonds vs Il-Kummissjoni, punt 30 iktar 'il fuq, EU:C:2012:376, punt 64).

36 L-Imħallef għal miżuri provviżorji, għaldaqstant jista' biss jikkonstata li d-dibattitu mmexxi bejn il-partijiet jirrileva l-eżistenza, fl-istadju tal-proċeduri għal miżuri provviżorji, ta' kwistjoni legali importanti li s-soluzzjoni tagħha ma tkunx evidenti, iżda li timmerita analiżi profonda li għandha ssir mill-qorti dwar il-mertu.

37 Barra minn hekk, anki jekk wieħed jippreżumi li l-Kummissjoni tkun ġiet awtorizzata tipproċedi għall-analiżi *prima facie* tal-fondatezza tal-motivazzjoni mressqa mir-Repubblika Franċiża insostenn tal-oppożizzjoni tagħha għall-iżvelar tad-dokumenti kkontestati, ma jidhirx, *prima facie*, li l-Kummissjoni hija korretta li tqis, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-ġustifikazzjonijiet mressqa mir-Repubblika Franċiża fuq il-bażi tal-eċċezzjonijiet previsti fit-tieni u fit-tielet inċiżi tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 huma manifestament mingħajr kull rilevanza.

38 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, peress li l-Imħallef għal miżuri provviżorji għandu jeżerċita stħarriġ *prima facie* fid-dawl tad-deċiżjoni kkontestata li fiha l-Kummissjoni wkoll ipproċediet għal analiżi *prima facie* tal-fondatezza tal-motivi mressqa mir-Repubblika Franċiża, l-evalwazzjoni ta' din il-problematika timplika grad ta' stħarriġ limitat doppjament. Minn dan jirriżulta li l-eżistenza ta' *fumus boni juris* ma tistax tiġi eskluża fl-ipoteżi fejn l-inapplikabilità tal-eċċezzjonijiet invokati mir-Repubblika Franċiża hija tant ċara u evidenti li l-invokazzjoni tagħhom huwa ekwivalenti għal abbuż ta' proċedura min-naħa tar-Repubblika Franċiża (ara, b'analoġija, id-digriet tal-10 ta' Ġunju 2014, Stahlwerk Bous vs Il-Kummissjoni, T-172/14 R, EU:T:2014:558, punt 50).

39 Dan ma huwiex il-każ f'din il-kawża.

40 Fil-fatt, jekk huwa minnu li l-miżura li kienet is-suġġett tal-proċedura skont id-Direttiva 98/34 ġiet adottata f'Lulju 2014 taħt il-forma ta' Liġi Franċiża 2014-779 u li la l-Kummissjoni u lanqas ir-Repubblika tal-Awstrija ma impenjat ruħha, sa issa, li tieħu passi intiżi għall-bidu ta' proċedimenti fil-qrati ta' nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu kontra r-Repubblika Franċiża, ma jistax jiġi kategorikament eskluż li l-imsemmija liġi Franċiża hija s-suġġett ta' lment minn naħa ta' individwu, li jista' jwassal għal proċedimenti fil-qrati, fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, jekk dan ikun quddiem il-qorti tal-Unjoni jew il-qorti nazzjonali, u li l-applikazzjoni għal aċċess għad-dokumenti kkontestati li għaliha l-Kummissjoni laqgħet fid-deċiżjoni kkontestata għandha tendenza li tespandi dan l-ilment, tant li l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1049/2001 jeżenta l-applikant minn kull obbligu li jagħti r-raġunijiet għall-applikazzjoni tiegħu għal aċċess. F'din il-perspettiva, il-proċedura prinċipali tqajjem il-kwistjoni importanti dwar jekk u, jekk ikun il-każ, matul dak il-perijodu, ir-Repubblika Franċiża tista' raġonevolment teżiġi li d-dokumenti kkontestati jirċievu trattament kunfidenzjali sabiex jiġi evitat li huma jkunu mħaddma biex jibdew proċedimenti fil-qrati.

41 Mill-bqija, din l-istess kwistjoni tidher rilevanti wkoll għall-eċċezzjoni prevista fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, sa fejn l-isfruttament tad-dokumenti kkontestati, issuspettat mir-Repubblika Franċiża, tista' tippreġudika l-attivitajiet ta' investigazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni. Huwa minnu li, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' April 2015, Schlyter vs Il-Kummissjoni (T-402/12, Ġabra, taħt appell, EU:T:2015:209, punti 53 *et seq*), il-Qorti Ġenerali qies li l-proċedura prevista mid-Direttiva 98/34 ma kinitx taqa' taħt attività ta' investigazzjoni fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Madankollu, kif ir-Repubblika Franċiża tfakkar ġustament, din is-sentenza għadha ma kisbitx l-awtorità ta' *res judicata*, billi hija imponiet fuqha appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (Kawża C-331/15 P), liema fatt il-qorti tal-mertu ma tistax tinjora.

42 Barra minn hekk, il-qorti tal-mertu ser tissejjaħ biex teżamina l-koerenza tas-sentenza Schlyter vs Il-Kummissjoni, punt 41 iktar 'il fuq (EU:T:2015:209), bis-sentenza tal-25 ta' Settembru 2014, Spirlea vs Il-Kummissjoni (T-306/12, Ġabra, taħt appell, EU:T:2014:816, punt 45). F'din is-sentenza tal-aħħar, il-Qorti Ġenerali qieset li proċedura ta' kooperazzjoni speċifika bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri intiża li ssolvi eventwali ksur għad-dritt tal-Unjoni b'mod li tiġi evitata l-ftuħ ta' proċedura formali għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu setgħet tiġi kklassifikata bħala attività ta' investigazzjoni fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001. Madankollu, skont ir-Repubblika Franċiża, din il-proċedura ta' kooperazzjoni hija pparagunata fil-wisa' ma' dik prevista mid-Direttiva 98/34, it-tnejn li huma jippreżentaw similaritajiet qawwija mal-fażi prekontenzjuża ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Finalment, il-qorti tal-mertu ser ikollha tagħti deċiżjoni fuq l-eventwali rilevanza, għas-soluzzjoni ta' din it-tilwima, tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, ClientEarth vs Il-Kummissjoni (C-612/13 P, Ġabra, EU:C:2015:486).

43 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li din il-kawża tqajjem kwistjonijiet ta' liġi kumplessi li ma jistgħux, *prima facie*, jiġu kkunsidrati bħala manifestament irrilevanti, iżda s-soluzzjoni tagħhom timmerita evalwazzjoni fil-fond fil-kuntest tal-kawża prinċipali.

44 Għaldaqstant, hemm lok li tiġi ammessa l-eżistenza ta' *fumus boni juris* fir-rigward tan-natura kunfidenzjali tad-dokumenti kkontestati.

45 Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija stess irrikonoxxiet li, f'sitwazzjoni bħal dik f'dan il-każ, id-deċiżjoni li jiġu żvelati d-dokumenti kkontestati għandha, b'regola ġenerali, tiġi sospiża, sakemm il-*fumus boni juris* ikun totalment ineżistenti u li l-azzjoni legali għandha tiġi kklassifikata bħala manifestament abużiva, liema ma tistax tiġi allegata f'dan il-każ.

Fuq l-ibbilanċjar tal-interessi

46 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-ibbilanċjar tal-interessi jfisser li l-Imħallef għal miżuri provviżorji għandu jiddetermina jekk l-interess li l-parti li qed titlob il-miżuri provviżorji għandha li dawn jingħataw jipprevalixxix jew le fuq l-interess li għandha l-applikazzjoni immedjata tal-att kontenzjuż billi jeżamina, b'mod iktar partikolari, jekk l-eventwali annullament ta' dan l-att mill-qorti dwar il-mertu jippermettix it-treġġigħ lura tas-sitwazzjoni li tkun ġiet ipprovokata mill-eżekuzzjoni immedjata tagħha u, kuntrarjament, jekk is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-imsemmi att hijiex ta' natura li toħloq ostakolu għall-effett sħiħ tagħha, fil-każ fejn ir-rikors prinċipali jiġi miċħud (ara, f'dan is-sens, id-digrieti tal-11 ta' Mejju 1989, Radio Telefis Eireann *et* vs Il-Kummissjoni, 76/89 R, 77/89 R et 91/89 R, Ġabra, EU:C:1989:192, punt 15, u tas-26 ta' Ġunju 2003, Belgique u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, C-182/03 R u C-217/03 R, Ġabra, EU:C:2003:385, punt 142).

47 B'mod iktar partikolari, fir-rigward tal-kundizzjoni li permezz tagħha s-sitwazzjoni ġuridika maħluqa b'digriet provviżorju għandha tkun riversibbli, għandu jiġi nnotat li l-iskop aħħari tal-miżuri provviżjori huwa limitat sabiex jiggarantixxi l-effettività sħiħa tad-deċiżjoni futura fuq il-mertu [ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-27 ta' Settembru 2004, Il-Kummissjoni vs Akzo u Akcros, C-7/04 P(R), Ġabra EU:C:2004:566, punt 36]. Konsegwentement, dawn il-proċeduri huma ta' natura anċillari meta

mqabbla mal-kawża prinċipali li huma marbutin magħha (digriet tat-12 ta' Frar 1996, Lehrfreund vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-228/95 R, Ġabra, EU:T:1996:16, punt 61), b'mod li d-deċiżjoni meħuda mill-Imħallef għal miżuri provviżorji għandha tkun ta' natura provviżorja fis-sens li la tista' tiddetermina minn qabel id-deċiżjoni futura fuq il-mertu u lanqas ma tista' trendiha illużorja billi ċċaħħadha mill-effettività tagħha (digrieti tas-17 ta' Mejju 1991, CIRFS *et* vs Il-Kummissjoni, C-313/90 R, Ġabra, EU:C:1991:220, punt 24, u tat-12 ta' Diċembru 1995, Connolly vs Il-Kummissjoni, T-203/95 R, Ġabra, EU:T:1995:208, punt 16).

48 Minn dan isegwi neċessarjament li l-interess difiż minn parti fi proċeduri għal miżuri provviżorji ma huwiex denju għal protezzjoni sa fejn din il-parti titlob lill-imħallef għal miżuri provviżorji jadotta deċiżjoni li, lil hinn milli jkollha natura purament provviżorja, ikollha bħala effett, preġudizzju fir-rigward tad-deċiżjoni futura fuq il-mertu u li trendiha illużorja billi ċċaħħadha mill-effettività tagħha.

49 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali għandha tiddeċiedi, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, fuq il-punt li jsir magħruf jekk id-deċiżjoni kkontestata – li permezz tagħha l-Kummissjoni ċaħdet it-talba ta' kunfidenzjalità tar-Repubblika Franċiża u li wriet l-intenzjoni tagħha li tiżvela lil terzi id-dokumenti kkontestati – għandhiex tiġi annullata minħabba l-ksur tal-kunfidenzjalità tad-dokumenti kkontestati skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001. F'dan ir-rigward, huwa evidenti li, sabiex tiġi kkonservata l-effettività ta' sentenza li tannulla d-deċiżjoni kkontestata, ir-Repubblika Franċiża għandha tkun f'pożizzjoni li tevita li l-Kummissjoni tipproċedi qabel iż-żmien għall-iżvelar tal-imsemmija dokumenti. Issa, sentenza għal annullament issir illużorja u nieqsa mill-effettività jekk din it-talba għal miżuri provviżjori tkun miċħuda, billi l-konsegwenza ta' din iċ-ċaħda tkun li tippermetti li l-Kummissjoni tiżvela immedjatament id-dokumenti kkontestati u għalhekk *de facto* tippreġudika s-sens tad-deċiżjoni futura fuq il-mertu, jiġifieri ċaħda tar-rikors għal annullament.

50 Minn dan jirriżulta li l-interess li tinċaħad it-talba għal miżuri provviżjori għandu jċedi quddiem l-interess difiż mir-Repubblika Franċiża, speċjalment peress li l-għoti ta' sospensjoni tal-eżekuzzjoni mitluba jsarraf biss fiż-żamma, għal perijodu limitat, tal-*istatus quo*, minkejja li xejn ma jippermetti li jiġi affermat ħlief żvelar qabel iż-żmien tad-dokumenti kkontestati li jissodisfa bżonn imperjuż.

Fuq l-urġenza

51 Skont ġurisprudenza stabbilita, in-natura urġenti ta' talba għal miżuri provviżorji għandha tiġi evalwata b'konnessjoni mal-bżonn li għandu jkun hemm deċiżjoni provviżorja sabiex jiġi evitat li jkun hemm dannu serju u irreparabbli kkawżat lill-parti li qed titlob din il-miżura provviżorja. Hija din il-parti li għandha tipproduċi l-prova solida li hija ma tistax tistenna l-eżitu tal-proċedura relatata mar-rikors prinċipali mingħajr ma tkun personalment ġarrbet dannu ta' din in-natura (ara d-digriet tad-19 ta' Settembru 2012, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, T-52/12 R, Ġabra, EU:T:2012:447, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Peress li din it-talba għal miżuri provviżorji toriġina mir-Repubblika Franċiża, għandu jitfakkar li l-Istati Membri huma responsabbli għall-interessi meqjusa li huma interessi ġenerali fuq livell nazzjonali. Konsegwentement, huma jistgħu jiżguraw li jiddefenduhom fil-kuntest ta' proċedura għal miżuri provviżorji u jitolbu l-għoti ta' miżuri provviżorji billi jallegaw, b'mod partikolari, li l-miżura kkontestata tista' tikkomprommetti serjament it-twettiq tal-funzjonijiet statali tagħhom (ara, f'dan is-sens, id-digriet Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, punt 51 iktar 'il fuq, EU:T:2012:447, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Għalhekk għandu jiġi analizzat jekk ir-Repubblika Franċiża rnexxielhiex tistabbilixxi li eżekuzzjoni immedjata tad-deċiżjoni kkontestata tista' tikkawżalha dannu gravi u rreparabbli minħabba l-fatt, b'mod partikolari, li taffettwa b'mod serju t-twettiq tal-funzjonijiet statali tagħha.

54 F'dan il-kuntest, ir-Repubblika Franċiża targumenta li, f'każ ta' ċaħda tat-talba għal miżuri provviżorji, is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali skont il-proċedura prinċipali hija mċaħħda minn kull effiċjenza, liema jikkawżalha dannu gravi u rreparabbli. Fil-fatt, peress li d-dokumenti kkontestati saru pubbliċi, ebda miżura ma tista' terġa' tqiegħed l-affarijiet fl-istat tagħhom ta' qabel.

55 Inkwantu għall-gravità tad-dannu kkawżat minn żvelar tad-dokumenti skambjati fil-kuntest tal-proċedura prevista mid-Direttiva 98/34, ir-Repubblika Franċiża ssostni li, anki wara l-għeluq ta' din il-proċedura, il-pubbliċità hija ta' natura li twaqqaf it-triq għal soluzzjoni tal-kunflitt sensibbli u garanti tad-dritt, li diffiċilment tippermetti lil min jieħu d-deċiżjonijiet politiċi li jerġa' lura fuq il-pożizzjonijiet adottati u li trendi soluzzjoni bonarja impossibbli. Barra minn hekk, skont ir-Repubblika Franċiża, il-fiduċja neċessarja għad-djalogu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma tistax tiġi stabbilita mill-ġdid jekk il-kunfidenzjalità li għaliha l-Istat Membru jista' jistenna kienet intilfet b'mod irreparabbli. In-numru li qed jikber ta' applikazzjonijiet għall-aċċess li ġejjin mid-dinja ekonomika għad-dokumenti skambjati bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-kuntest tad-Direttiva 98/34 għandha bħala effett li teżerċita pressjoni irresistibbli fuq l-ispazju ta' diskussjoni li tiġi stabbilita fil-kuntest ta' din id-direttiva u ċċaħħad din il-proċedura mill-effettività tagħha.

56 Ir-Repubblika Franċiża tqis finalment li dan id-dannu, sa fejn ma jistax ikun is-suġġett ta' kumpens monetarju, huwa neċessarjament irreparabbli.

57 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-dannu invokat f'dan il-każ, jirriżulta mill-iżvelar ta' informazzjoni allegatament kunfidenzjali. Madankollu, sabiex tiġi evalwata n-natura gravi u irreparabbli ta' dan id-dannu, l-Imħallef għal miżuri provviżorji għandu neċessarjament jitlaq mill-premessa li l-informazzjoni allegatament kunfidenzjali hija effettivament hekk, b'mod konformi mal-allegazzjonijiet li tressqu mir-Repubblika Franċiża kemm fir-rikors prinċipali tagħha kif ukoll fil-kuntest tal-proċeduri għal miżuri provviżorji. [ara, f'dan is-sens, id-digrieti Il-Kummissjoni vs Pilkington Group, punt 21 iktar 'il fuq, EU:C:2013:558, punt 38, u tat-28 ta' Novembru 2013, EMA vs AbbVie, C-389/13 P(R), EU:C:2013:794, punt 38].

58 Konsegwentement, għandu jiġi kkunsidrat, għall-bżonnijiet ta' din l-analiżi tal-urġenza, li d-dokumenti kkontestati għandhom natura kunfidenzjali, konformement mar-raġunament tar-Repubblika Franċiża li jipprovdi li l-iżvelar tagħhom jikser l-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001, sa fejn dan semma b'mod utli l-eċċezzjonijiet imsemmija fit-tieni u t-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-regolament. Skont dan ir-raġonament tar-Repubblika Franċiża, li r-rilevanza tiegħu għandu jiġi ammess bħala premessa, il-proċedura prevista mid-Direttiva 98/34, li taqa' taħt attività ta' investigazzjoni fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tal-imsemmi regolament, tippreżenta similaritajiet qawwija mal-fażi prekontenzjuża ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, sa fejn tinkludi fażi ta' djalogu bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni li għandu bħala għan li jippermetti negozjar u, jekk ikun il-każ, rikonċiljazzjoni bonarja tal-pożizzjonijiet diverġenti fir-rigward tal-applikazzjoni tajba tad-dritt tal-Unjoni. Dan il-għan ma jistax jintlaħaq ħlief fi klima ta' fiduċja stretta reċiproka bejn il-Kummissjoni u l-Istat kkonċernat. Madankollu, l-iżvelar tad-dokumenti skambjati matul din il-proċedura jirrovina l-fiduċja reċiproka u jnaqqas kważi għalxejn kull opportunità li jintlaħaq ftehim. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-iżvelar tad-dokumenti kkontestati, maħruġin mir-Repubblika Franċiża fil-fiduċja leġittima tagħha sabiex il-Kummissjoni tirriżervalhom it-trattament kunfidenzjali meħtieġ, jista' jippreġudika l-istrateġija ta' difiża li dan l-Istat Membru li jista' jitwassal biex jadotta fi proċedimenti fil-qrati mibdija, jekk ikun il-każ, wara eżekuzzjoni immedjata tad-deċiżjoni kkontestata minn terzi applikant quddiem il-qorti nazzjonali jew il-qorti tal-Unjoni u li għandha bħala suġġett il-konfomità mad-dritt tal-Unjoni tal-Liġi Franċiża 2014-779 (ara punt 40 iktar 'il fuq).

59 Jidher li din id-difiża tal-liġi inkwistjoni tagħmel parti mill-funzjonijiet statali li bihom hija investita r-Repubblika Franċiża u li l-iżvelar tad-dokumenti kkontestati jippreġudika b'mod serju din il-funzjoni. Madankollu, l-Imħallef għal miżuri provviżorji, obbligat li jitlaq mill-premessa li tkun ser tiġi esposta, ma jistax jiċħad il-gravità tad-dannu li r-Repubblika Franċiża tissubixxi f'dak li jirrigwarda dannu miġjub għat-twettiq tal-funzjonijiet statali tiegħu.

60 Huwa l-istess għan-natura irreparabbli ta' dan id-dannu.

61 Fil-fatt, kif irrilevat ir-Repubblika Franċiża ġustament, fir-rigward tal-iżvelar ta' informazzjoni li l-kunfidenzjalità tagħha għandha tiġi preżunta, huwa evidenti li annullament wara, mill-Qorti Ġenerali, tad-deċiżjoni kkontestata ma għandhiex bħala effett li jiġi eliminat id-dannu subit minħabba dan l-iżvelar u b'hekk li jerġgħu jitqiegħdu l-affarijiet fl-istat preċedenti tagħhom. Peress li l-ħsara allegata f'dan il-każ ma hijiex ta' ordni monetarja, b'mod partikolari ma tistax tiġi rreparata permezz ta' kumpens finanzjarju permezz ta' azzjoni għad-danni diretta kontra l-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, id-digriet EMA vs AbbVie, punt 57 iktar 'il fuq, EU:C:2013:794, punti 45 u 46).

62 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-kundizzjoni relatata mal-urġenza hija sodisfatta f'dan il-każ, ir-riskju tal-okkorrenza, għar-Repubblika Franċiża, ta' dannu gravi u irreparabbli huwa stabbilit b'mod suffiċjenti fid-dritt.

63 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrikonoxxi hija stess li, fid-dawl tal-konfigurazzjoni proċedurali partikolari ta' dawn il-proċedimenti kontenzjużi – jiġifieri l-iżvelar immedjat tad-dokumenti kkontestati f'każ ta' ċaħda tat-talba għal miżuri provviżorji – dannu gravi u irreparabbli huwa miġjub għall-pożizzjoni proċedurali tar-Repubblika Franċiża. Fil-fatt, l-iżvelar ta' dawn id-dokumenti jerġa' jċaħħad lill-kawża prinċipali mill-għan tagħha u għandu neċessarjament effetti definittivi li jeċċedu l-għan normali, provviżorju, tal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

64 Konsegwentement, peress li l-kundizzjonijiet kollha huma sodisfatti għal dan l-effett, għandha tintlaqa' t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

Għal dawn il-motivi,

IL-PRESIDENT TAL-QORTI ĠENERALI

jordna:

1) Hija s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea GESTDEM 2014/6064, tal-21 ta' April 2015, dwar talba konfermattiva ta' aċċess għal dokumenti bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, li permezz tagħha l-Kummissjoni tat l-aċċess għal żewġ dokumenti li ħarġu mill-awtoritajiet Franċiżi li kienu ġew trażmessi lilha fil-kuntest tal-proċedura prevista mid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi.

2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-1 ta' Settembru 2015.

Reġistratur
E. Coulon

Il-President
M. Jaeger